## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 237/2021 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI BIN-NUMRU 910/2021 IPPREŻENTATA AI TERMINI TAL-ART. 253(E) TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA’ MALTA FL-ISMIJIET: **GRACE BORG (KI. 760251M) V. FRANCIS BASILE (KI. 167384M)**

(OPPOSIZZJONI GĦALL-EŻEKUZZJONI TA’ KAMBJALA TAĦT L-ART. 253(E) TAL-KAP. 12 – RAĠUNIJIET GRAVI U VALIDI GĦAL TALI OPPOSIZZJONI – META KAMBJALA MA’ TKUNX ĠIET IFFIRMATA MIT-TRAENT – META KAMBJALA TINTILEF JEW TIĠI DISTRUTTA – RIMEDJI TAL-KREDITUR LI JITLEF KAMBJALA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta’ Novembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta’ Francis Basile (“ir-rikorrent”) ippreżentat fl-24 ta’ Awwissu 2021[1] li permezz tiegħu għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors talab:

> « … **lil din l-Onorabbli Qorti li tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala *de quo* ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta taħt dawk il-provvedimenti u dawk id-direttivi li jistgħu jidhrulha opportuni.** »

wara li rat l-Ordni *in camera* ta’ din il-Qorti mogħtija fl-14 ta’ Settembru 2021 li permezz tagħha *inter alia* akkordat għoxrin ġurnata ċans lil Grace Borg (“l-intimata”) min-notifika sabiex tippreżenta r-risposta tagħha[2],

wara li rat li l-intimata naqset milli tippreżenta r-risposta tagħha fiż-żmien prefiss lilha u għalhekk il-Qorti ddikjarat l-kontumaċja tagħha fis-seduta tas-6 ta’ Diċembru 2021,[3]

---

[1] Fol 1-4
[2] Fol 5
[3] Fol 16-17

wara li semgħet ix-xhieda tal-uniku xhud li ġiet prodotta u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħha,

wara li rat l-atti proċesswali,

wara li ħadet konjizzjoni tan-noti t'osservazzjonijiet finali ppreżentati:

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Massimo Vella[4], u
- għan-nom tal-intimata, mill-Avukat Dr. Umberto Borg Cardona[5]

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Fit-22 ta' April 2021 l-intimata ppreżentat ittra uffiċjali f'din il-Qorti kontra r-rikorrent u *inter alia* interpellatu sabiex iħallasha s-somma ta' € 8,000 rappreżentanti l-valur ta' kambjala li mmaturat fit-18 ta' Diċembru 2017 u li kopja tagħha ġiet annessa mal-istess ittra. L-ittra ġie ippreżentata taħt l-Art. 253(e) tal-Kap. 12 u għalhekk ir-rikorrent kellu għoxrin ġurnata ċans min-notifika sabiex jopponi għall-esekuzzjoni tagħha skond il-liġi.

2. Ir-rikorrent ġie notifikat bl-ittra uffiċjali fl-10 ta' Awwissu 2021 u fl-24 ta' Awwissu 2021 intavola r-rikors mertu ta' din il-proċedura.

3. L-Art. 253(e) introdott fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (u sussegwentement emendat b'iżjed salvagwardji) bl-Att IX tal-2004 jipprovdi testwalment kif ġej:

> **'253. Huma titoli eżekuttivi:**
>
> **(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:**
>
> **B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex**

[4] Fol 29-32
[5] Fol 36-39

> **persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**
>
> **L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;'**

4. Huma tnejn għalhekk l-eċċezzjonijiet li jista' jagħti persuna li jrid topponi l-eżekuzzjoni ta' kambjala: (i) jew li l-firma fuq il-kambjala m'hijiex tiegħu (bħala t-traent ossia d-*drawer* aċċettanti) JEW, li (ii) hemm raġunijiet oħra **gravi u validi** għal tali oppożizzjoni.

5. F'din il-kawża r-rikorrent mhux qed jgħid illi l-firma fuq il-kambjala m'hijiex tiegħu, iżda qed jitlob lill-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala datata 31 ta' Lulju 2017 billi skond hu l-intimata m'għandiex fil-pussess tagħha l-kambjala oriġinali mertu tal-ittra uffiċjali *de quo*. Sussegwentement fin-nota t'osservazzjonijiet finali tiegħu qajjem ukoll il-kwistjoni tan-nullita' tal-kambjala peress illi skond hu hija nieqsa mill-firma tat-traent.

6. L-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti għalhekk huwa dak illi (i) tara jekk dawn iż-żewġ raġunijiet mogħtija mir-rikorrent għandhomx mis-sewwa, fis-sens jekk humiex fattwalment korretti u (ii) f'każ li huma fattwalment korretti, tqis jekk dawn ir-raġunijiet humiex gravi u validi għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

**Il-firma tat-traent**

7. Ta' min jgħid illi hawnhekk ir-rikorrent mhux qed jgħid illi l-firem tiegħu, bħala t-trattarju ("drawee"), m'humiex ġenwini jew m'humiex tiegħu. Li qed jgħid huwa illi fuq din il-kambjala m'hemmx il-firma tal-persuna li skond hu ġibdet il-kambjala ("drawer") ossia' r-rikorrenti, u għalhekk skond hu din hija nulla.

8. M'hemmx dubbju għall-Qorti illi jekk jirriżulta illi kambjala hija nieqsa minn xi rekwiżiti essenzjali tagħha, din tkun raġuni gravi u valida biżżejjed sabiex tiġi sospiża l-esekuzzjoni tagħha mhux l-anqas għaliex tali raġuni tkun tolqot is-siwi tal-kambjala nfusha.

9. Skond l-Artikolu 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta):

> **'123. Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u <u>għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha</u>** (enfasi miżjuda).'

10. Prof V. Caruana Galizia fin-*Notes on Bills of Exchange* jgħid hekk dwar ir-rekwiżit tal-firma tat-traent:

*"<u>The signature of the drawer. This is the most important and most essential requisite of a bill of Exchange, and the reasons are obvious. The drawer of a bill must put his signature thereon in order that his intention of binding himself thereby quoad</u> any holder of the bill may result in a formal and unequivocal manner; without it no action can be maintained against the acceptor either as such or as the maker of a promissory note...The signature of the drawer is usually subscribed in the right hand corner. It is to be noted that what the law requires is that a bill is signed by the drawer, but it does not provide that all the other particulars of the bill should be written in person."*

11. Fil-kawża in konsiderazzjoni r-rikorrent jgħid li l-kambjala inħarġet/inġibdet mill-intimata bħala t-traent (*drawer*) fuq ir-rikorrent bħala t-trattarju (*drawee*) li wera l-aċċettazzjoni tiegħu bil-firma tiegħu fuq il-kambjala. Il-Qorti ma' taqbilx. Mill-provi rriżulta mhux kuntestat illi fuq il-kambjala m'hemmx il-firma tal-intimata. Irriżulta pero daqstant ieħor mhux kuntestat illi l-intimata ma' kienetx preżenti meta l-kambjala ġiet iffirmata u jidher ċar illi l-firem kollha fuq il-kambjala huma dawk tar-rikorrent li ffirma (i) kemm bħala t-traent (*drawer*) *in calce* tat-test tagħha fuq ix-xellug (*right hand corner*) u (ii) kemm bħala t-trattarju aċċettanti (*drawee)* fuq in-naħa tax-xellug tagħha. Dan ifisser allura li l-firma tat-traent m'hijiex nieqsa mill-kambjala u li din filfatt inġibdet minnu stess.

12. F'dan ir-rigward il-Qorti tħoss li għandha tagħmel riferenza għal żewġ kawżi li ta' spiss jiġu kkwotati fuq din il-materja u li kemm il-darba jiġu misinterpretati jew applikati b'mod żbaljat mill-partijiet f'kawża. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Limited et.</u>** (Rik. 297/2008, 11/03/2009), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet saħqet illi l-firma tal-kreditur m'hijiex daqstant importanti meta l-kambjala ma' tkunx ġiet iġġirata. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti kienet qalet preċiżament kif ġej:

> ***« Fil-fehma tal-Qorti l-importanti huwa dakinhar li ffirma d-dokumenti r-rikorrenti ħoloq rapport ġuridiku ta' debitur fil-konfront tal-intimat, u allura ma jistax issa jiċħad dak ir-rapport – ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet John Giordmaina vs Joseph Pace deċiża fis-16 ta' Jannar 2003 fejn il-qorti qalet li meta l-kawża tkun bejn il-partijiet inizjali, u cioè li l-kambjala ma tkunx ġiet iġġirata, il-firma tal-kreditur m'hijiex daqshekk importanti ... »***

Il-Qorti tal-Appell sussegwentement dawret is-sentenza tal-Ewwel Qorti permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Frar 2012 fejn għalkemm ma' kkummentatx direttament fuq l-asserzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-firma tal-kreditur fuq kambjala li

ma' tkunx ġiet ġirata m'hijiex essenzjali, *inter alia* qalet illi l-argumenti tal-Ewwel Qorti kienu mibnija fuq il-premessa żbaljata illi l-kambjala kienet inġibdet mill-intimat *qua* kreditur (jew benefiċċjarju/*payee)* li ma' ffirmahiex, mentri fil-verità kienu r-rikorrenti *qua* debituri li filfatt ġibdu u aċċettaw l-kambjala u dawn kienu ffirmaw fiż-żewġ istanzi (i.e. kemm fil-post fuq ix-xellug isfel fejn jiffirma t-traent u kemm fil-post fuq il-lemin isfel fejn jiffirma t-trattarju, eżattament bħal ma' ġara fil-kawża odjerna). Fi kliem ieħor f'dik il-kawża r-rikorrenti debituri kienu ġibdu l-kambjala (traenti ossia' *drawers*) fuqhom infushom (trattarji ossia' drawees), liema kambjala huma aċċettaw (aċċettanti ossia *acceptors*) li jħallsu a favur l-intimat kreditur (benefiċċjarju ossia *payee*). Ma' kien hemm l-ebda firem neqsin fuq il-kambjala u għalhekk din kienet meqjusa bħala valida u regolari. F'dak il-kuntest għalhekk verament ma' kien hemm l-ebda ħtieġa għall-kreditur *(payee*) li jiffirma, għalkemm mhux għall-istess raġunijiet indikati mill-Ewwel Qorti li f'dak l-istadju kienet qed tqis li l-kreditur (*payee*) kien ukoll it-traent (drawer).

13. Jista' jagħti l-każ ukoll illi fil-kawża fuq ċitata l-Ewwel Qorti setgħet ġiet indotta fi żball meta hija rreferiet għas-sentenza fl-ismijiet **John Giordmaina et. v. Joseph Pace et.** (Ċit Nru 3391/1996/2, 16/01/2003) sabiex issostni l-posizzjoni tagħha illi l-firma tal-kreditur fuq kambjala m'hijiex meħtieġa *ad validatem.* F'dik il-kawża l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet qalet hekk:

> ***« Apparti dan, din il-Qorti bir-rispett lejn minn esprima veduti kuntrarji, mhux perswaza li l-firma tal-kreditur fuq il-kambjala hi mehtiega ad validitatem. Il-ligi trid li l-kambjala tkun iffirmata minn min harigha, u mhux ukoll minn minn jaccettha; l-importanti hu li min ikun obbligat taht kambjala ikun iffirma l-istess bhala forma solenni li hu accetta li jhallas l-ammont indikat. Il-Professur Felice Cremona fil-kitba tieghu "Notes on Commercial Law – Part II", f'pagna 274 jghid li "The drawer of a bill of exchange must put his signature thereon in order that his intention of binding himself thereby quoad any holder of the bill may result in a formal and unequivocal manner". Hekk ukoll, l-awtur T. G. Reeday, fil-ktieb " The Law Relating to Banking" jghid (pagna 331) li, "A bill of exchange is an unconditional order in writing, addressed by one person to another, signed by the person giving it, requiring the person to whom it is addressed to pay on demand or at a fixed or determinable future time a sum certain in money to or to the order of a specified person or to bearer". Il-kreditur irid jaccetta dik l-obbligazzjoni, pero`, mhux mehtieg li din l-accettazzjoni jimmanifestha bl-istess formalita' u solennita`. Il-fatt li accetta u zamm il-kambjala hija prova bizzejjed tal-accettazzjoni tieghu. »***

Id-debitur Pace kien il-persuna li ġibed il-kambjala fuqu u aċċetta li jħallas lill-benefiċċjarju kreditur Giordimaina *(payee).* Pace kien qajjem l-eċċezzjoni illi Giordimaina kellu jiffirma ukoll il-kambjala bħala l-persuna kreditur li aċċetta li

jitħallas. Il-Qorti ġustament ma' qablitx. Huwa ċar però illi meta l-Qorti rriteniet illi l-firma tal-kreditur fuq kambjala ma' kienetx meħtieġa *ad validatem* **hija għamlet hekk fil-kuntest ta' meta l-kreditur ikun biss il-BENEFIĊĊJARJU (*payee*) fuq il-kambjala u mhux ukoll it-traent (*drawer*) li ġibidha**. Tant hu hekk illi l-istess Qorti kienet ċara meta fl-istess nifs qalet illi *"il-liġi trid li l-kambjala tkun iffirmata minn min ħariġha"*.

14. Għalhekk il-Qorti ma' tqisx li l-firma tat-traent hija nieqsa mill-kambjala *de quo* u m'huwiex il-każ illi din hija nulla minħabba l-assenza tal-firma tal-intimata.

**L-eżistenza *o meno* tal-kambjala**

*Fatti*

15. L-unika xhud li ġie prodott fil-kawża kienet l-intimata nnifisha. Fis-seduta tal-4 ta' April 2022 din spjegat illi l-kambjala mertu tal-ittra uffiċjali numru 910/2021 m'hijiex fil-pussess tagħha u li hija kienet ġiet infurmata min-Nutar Anton Borg illi din kienet inżammet mill-partijiet għall-konvenju u li lanqas ma' kienetx fil-pussess tiegħu. F'dan ir-rigward ġiet esebita korrespondenza bejn l-intimata u n-nutar imsemmi a fol 26 tal-proċess. Minn din jidher illi l-intimata ma' kienetx preżenti għal konvenju li ġie ffirmat fil-presenza tan-Nutar Borg u li matulu kienet ġiet emessa kambjala favur l-intimata. Dejjem skond din il-korrispondenza n-Nutar jgħid illi l-kambjala oriġinali kienet nżammet mill-partijiet, mentri l-intimata tgħid illi din ma' kienetx fil-pussess tagħha.

16. Il-Qorti rat illi din ix-xhieda ma' ġietx kontradetta u għalhekk m'għandiex għalfejn tiddubita mill-fatt illi verament l-intimata la qatt kellha u lanqas għandha fil-preżent fil-pussess tagħha l-kambjala in kwistjoni. Għandha biss il-fotokopja tagħha u kienet abbażi ta' din il-fotokopja illi hija ppreżentat l-ittra uffiċjali mertu ta' din il-proċedura.

*Kunsiderazzjonijiet*

17. Kif sew qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet: **Mario Muscat v. Lindsay Portelli** (Rik. Nru. 241/2018 RM, deċiża 8.10.2020):

> ***« Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tar-ragunijiet gravi u validi prospettati mis-subinciz (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-ragunijiet elenkati mill-Kodici tal-Kummerc li minhabba fihom kambjala tista' tinzamm milli tithallas. Kull ma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-qorti tara jekk, prima facie, hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala, u dan sabiex f'kaz affermattiv, ir-rikorrent ikollu l-opportunita` jikkontesta l-kawza eventwali li, f'kaz li tintlaqa' t-talba tieghu ghas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawza bhal dik, l-eccezzjonijiet li jistghu jiġu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-***

***mansjoni tal-qorti f'proceduri bhal dawn, taht l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, illi tiddetermina jekk il-konvenut ikunx jista' jressaq b'success dawn l-eccezzjonijiet f'kawza eventwali »***

18. Rigward ir-raġunijiet elenkati fil-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sentenza fl-ismijiet: **Guillaumier Industries Ltd. v. Victor Vella et**' deċiża fl-4 ta' Diċembru 1998 intqal:

***« Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar ċelerita'possibbli … … …Il-kambjala hija proprju l-istrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi. Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta'mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biss meta dawn ikun ta' faċli soluzzjoni »***

19. Dan isir peress li skond kif ġie affermat fis-sentenza '**Charles Gatt noe v. Joseph Vassallo Gatt noe**' (K. (J.D.C) 15 ta' Novembru 1993):

***« appena kambjala tiġi ammessa, tiġi krejata obbligazzjoni 'ad hoc', ghalkollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jiġu permessi eccezzjonijiet li jikkonċernaw obligazzjonijiet precedenti. »***

20. Dan l-istess insenjament gie segwit f'diversi sentenzi oħra fosthom **John Mary Sammut v. Michael Cassar**(App K. 14 ta' Ottubru 1991) u **George Zahra v. Alfred Borg** (K. (JSP) 28 ta' April 1995) fejn il-Qrati rriferew għall-ġurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wiċċ taghha inoltre f'xi waħda mill-elementi kostitwiti essenzjali tagħha kif trid il-liġi (Vide Vol XXIX P 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess **John Portelli v. Charles Vella** (K.C.D. 30 ta' Awissu 1989); dawn il-prinċipji gew ilkoll elenkati fis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **Ronald Micallef et v. Subway (Malta) Limited** (Cit. Nru. 273/2000/RCP).

21. Fil-kawza fl-ismijiet '**Salamone vs Rao**' tad-9 ta' Frar 1906, moghtija mill- Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal illi:-

***« Attesocche' le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagine e quindi, secondo il disposto nell'articolo 181 dell'Ordinanza XIII del 1857, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio; »***

22. Fl-4 ta' Frar 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Scicluna** qalet illi:-

> ***« Attesocche' secondo la pratica costante di questo tribunale il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezioni sono tali da richiedere lunga indagine, sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno; »***

23. Fl-10 ta' Mejju 1913, fil-kawza fl-ismijiet '**Sultana vs Pecorella**' gie riaffermat li:-

> ***« Atteso che per legge espressa, eccezioni di lunga indagine, come quelle apposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio »***

24. Hekk ukoll fil-kawża fl-ismijiet "**Aldo Vella v Vincent Lofaro et noe**" - deċiza mill-Qorti tal-Kummerċ fit-8 ta' Marzu 1977, ġie ritenut li

> ***« L-azzjoni kambjarja hi azzjoni awtonoma u dak li ghandu jigi rigwardat f'azzjoni simili – salv naturalment il-kazi kongruwi fejn xi eccezzjoni ta' indoli reali tkun tirrikjedi li jsir mod iehor...huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjali stess. »***

25. Issa fil-każ in eżami r-rikorrent qed jgħid illi l-fatt illi l-intimata m'għandiex fil-pussess tagħha l-kambjala isarraf f'raġuni gravi u valida 'l għaliex il-Qorti għandha tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha.

26. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qal Prof V. Caruana Galizia fin-*Notes on Bills of Exchange* fuq din il-materja:

> **« the rights described in a credit instrument may not while the document exists, be used or transferred without the document itself. This is the reason why Vivante calls the credit instrument 'un documento necessario'. Where the instrument has been lost or destroyed, the rightful owner thereof would not be in a position to exercise his right before obtaining from the issuer thereof another instrument of the same tenor, saving such rights he may have for the recovery of the sum due in case he is unable to precure such duplicate instrument rights, which are to be exercised in accordance with the provisions of the law applicable to the particular instrument lost or destroyed…**
>
> **… the instrument or document embodying the order or the promise to pay is essential, nay necessary, to create, use or transfer the right deriving therefrom. Saving in the exceptional case of a lost or a destroyed bill, our law adopts the general principle that no right deriving from a bill of exchange may be exercised without the instrument**

> **itself. This instrument, therefore; is not merely the written evidence of the obligation; on the contrary, it constitutes an essential requisite of the right or obligation contained in it to such an extent that the said right or obligation "resta quasi oggettivata e materializzata nel titolo (Navarrini) »**

27. Fil-liġi tagħna (Titolu VII tal-Ewwel Parti tal-Kodiċi tal-Kummerċ) sewwasew fl-Art. 199 tal-Kap. 13 hemm provdut illi:

> **' 199. Ma tistax issir oppożizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur'**

28. Kif sew jgħid Prof V. Caruana Galizia:

> **« It is obvious that when a bill is lost, the first thing the lawful holder thereof should do is to notify the drawee or acceptor of the fact and to warn him not to effect payment to any person claiming it. »**

29. Mill-provi prodotti u partikolarment mill-korrispondenza a fol 26 tal-proċess jidher illi sa' mill-20 ta' Jannar 2021, ċioe fi żmien meta l-kambjala kienet diġa ilha iktar minn tlett (3) snin li mmaturat, l-intimata kienet taf illi l-kambjala la kienet fil-pussess tagħha u lanqas ma' kienet għand in-Nutar Borg. X'rimedji kellha disponibbli għaliha l-intimata f'dak l-istadju?

30. It-tweġiba tagħtihilna l-liġi stess fil-Kap. 13 senjatament fl-Artikoli 130 u 200 *et. seq*. Huma filfatt **<u>tnejn</u>** ir-rimedji li għandu d-detentur ta' kambjala li tkun intilfet:

    1. Ai termini tal-Art. 130, it-traent għandu jagħti lill-prenditur, jekk dan hekk jitlob, qabel ma l-kambjala tagħlaq, żewġ **<u>eżemplari</u>** (bl-Ingliż: "parts") jew iżjed tal-kambjala.

       F'każ li l-kambjala mitlufa tkun waħda li ma' ġietx aċċettata, l-Art. 200 tal-Kap. 13 jipprovdi li d-detentur jista' jitlob il-ħlas tagħha meta jippreżenta eżemplar tagħha. Dan jagħmel sens għaliex f'dan il-każ it-trattarju (*drawee)* li jkun ħallas id-dejn ma' jkollux riskju illi xi ħadd ieħor jippreżentalu għall-ħlas xi eżemplar tal-kambjala. Mhux l-istess jista' jingħad għal meta l-kambjala tkun ġiet aċċettata għaliex f'dak il-każ il-liġi tipprovdi għal bilanċ bejn id-dritt tad-detentur tal-eżemplar tal-kambjala li jitħallas u d-dritt tat-traent li jipproteġi ruħu milli jkun vittma ta' ħlas indebitu. F'dan il-każ il-liġi tipprovdi fl-Art. 201 illi l-ħlas ma jistax jintalab fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', jew eżemplar ieħor, kemm-il darba dak li jitlob il-ħlas ma jippruvax kif imiss il-jedd tiegħu u ma' jagħtix garanzija tajba.

Fil-każ *de quo* dan ir-rimedju ma' kienx applikabbli għall-intimata wara t-18 ta' Diċembru 2017 ossia d-data tal-iskadenza tal-kambjala.

2. Ai termini tal-Art. 202 meta d-detentur tal-kambjala (aċċettata jew le) ma' jistax jippreżenta għall-ħlas eżemplar tagħha, huwa xorta waħda jista' jitlob il-ħlas tagħha jekk jipprova kif imiss il-jedd tiegħu fuqha u jagħti garanzija tajba.

31. Fil-liġi Taljana l-kreditur li jitlef kambjala għandu l-fakolta' illi wara li javverti lit-traent jirrikorri l-Qorti sabiex din tiddikjara l-ammortament tagħha u f'każ li tkun diġa skadiet tordna l-ħlas tagħha fi żmien tletin ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-digriet fil-gazzetta uffiċjali. Madanakollu ma' teżistix proċedura simili fil-liġi tagħha.

32. Mill-provi ma' jirriżultax illi l-intimat ippruvat teżerċita xi wieħed minn dawn iż-żewġ rimedji disponibbli għaliha. Anzi jirriżulta illi hija għaddiet sabiex tinterpella lir-rikorrent għall-ħlas bil-mezz tal-ittra uffiċjali li hija intiża ukoll sabiex trendi l-kambjala bħala titolu eżekuttiv fin-nuqqas ta' opposizzjoni.

33. Fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tagħha l-intimat tisħaq illi l-kambjala *"forsi hija assenti (iżda) ma' jfissirx li hija ineżistenti*" u tgħid illi fi kwalunkwe każ "*l-assenza tal-kambjala ma' trendihiex ineżigwibbli".* Hija ssostni illi kien jinkombi fuq ir-rikorrent illi jipprova li l-kambjala ma' teżistix u l-fatt li huwa m'għamilx dan, u ma' ppruvax jressaq provi f'dan ir-rigward, ifisser illi huwa jaċċetta l-eżistenza ta' din il-kambjala.

34. Il-Qorti ma' taqbilx ma' dan ir-raġunament. Għalkemm il-liġi ma' tipprovdix għal kif sid kambjala li tkun intilfet jista' jipproċedi għall-eżegwibilita' tagħha taħt l-Art. 253(e) tal-Kap. 12, madanakollu huwa ċar mid-disposizzjonijiet fuq imsemmija tal-Kap. 13 illi fil-każ ta' kambjala li tkun ġiet aċċettata, bħal ma' hu l-każ hawnhekk, is-sid ma' jistax jipproċedi direttament sabiex jitlob il-ħlas tagħha iżda qabel ma' jagħmel dan irid jipprova kif imiss il-jedd tiegħu u jagħti garanzija tajba. Jekk il-kreditur ma' jistax jipproċedi direttament għall-ħlas ta' kambjala mingħajr is-salvagwardji fuq imsemmija huwa evidenti illi lanqas ma' jista jippreżenta ittra uffiċjali taħt l-Art. 253(e) tal-Kap. 12 sabiex irendiha eżigwibbli. Dan mhux l-anqas għaliex fil-mument li l-kambjala ssir titolu eżekuttiv il-kreditur ikun jista immedjatament jippreżenta l-mandati eżekuttivi sabiex jenforza t-titolu li jkun kiseb. Dan kollu jagħti effett għall-prinċipju ġenerali fil-liġi tal-kambjali illi l-kambjala hija *"un documento necessario per esercitare il diritto* <u>*letterale*</u> *ed* <u>*autonomo*</u> *che vi e' menzionato"* (Vivante, *Trattato di Diritto Commerciale Vol. III, p. 123).*

35. Il-Qorti tqis għalhekk illi l-assenza tal-kambjala mill-pussess tal-kreditur hija raġuni gravi u valida għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni tagħha. L-intimata għandha jekk trid tesiġi l-ħlas tal-kambjala billi tipproċedi b'kawża skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 13 li matulha tipprova kif imiss il-jedd tagħha u jekk hemm bżonn, toffri garanzija suffiċjenti.

**Deċiżjoni**

36. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrent għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-ittra uffiċjali numru 237/2021 fl-ismijiet premessi.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimata Grace Borg.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur